MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 215/2011/1

**Khaled Shehata**

**v.**

**Isabelle Ruggier personalment u ghan-nom ta' wliedha
Zachary Ruggier u Hannah Ruggier
u Direttur tar-Registru Pubbliku**

Dan huwa appell tal-konvenuta mid-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-1 ta' Novembru 2012 li permezz tieghu l-istess Qorti ordnat illi l-konvenuta tiehu lill-uliedha minuri biex isiru t-testijiet mehtiega u

hatret lil Dottoressa Marisa Cassar bhala espert forensiku ghal dan il-ghan;

L-appellanti spjegat l-appell taghha b'dan il-mod:
"Illi l-fatti tal-kaz huma dawn: l-attur appellat qed jaghmel kawza ta' filjazzjoni ta' wlied imnisla barra z-zwieg. L-attur huwa mizzewweg Maltija u ghadu mizzewweg lilha. Fuq talba verbali tieghu fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2012 l-Ewwel Qorti laqghet it-talba tieghu sabiex isir d-DNA f'dan l-istadju tal-kawza meta l-attur appellat ghadu ma ghalaqx il-provi tieghu.

"Illi fl-1 ta' Novembru 2012 l-Ewwel Qorti laqghet it-talba tal-appellat biex isiru d-dna tests fuq l-minuri.

"Illi l-esponenti hassewhom agravati minn din id-decizjoni u qed jinterponu dan l-appell.

"Illi l-agravu huwa manifest u jikkonsisti f'dan li gej:

"L-Ewwel Qorti naqset li timxi ma' dak li jipprovdi l-artikolu 70A tal-Kodici Civili stante li ma sar xejn minn dak imsemmi f'tali artikolu fosthom li tall l-ewwel irid isir tentativ beix isiru t-testijiet dwar il-paternita skond l-artikolu 70A(l) tal-Kap 16, jekk xi parti toggezzjoni japplika l-artikolu 70A(2) tal-kap 16 u jsir rikors minn "pesuna li ghandha dritt tikkjarifika"; u wara japplikaw s-sub artikoli kollha ta' dan l-artikolu 70A tal-Kodici Civili.

"Gara izda li l-Ewwel Qorti bir-rispett kollu naqset li tapplika d-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu 70A tal-Kodci Civili qabel ma akkordat li jittiehed it-test tad-DNA.

"Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmlu rferenza ghal provi prodotti u jzommu d-dritt li jgibu f'waqthom l-provi mehtiega bil-mezzi kollha li taghtihom l-ligi, jitolbu bir-rispettt sabiex din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha thassar u tannulla d-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-1 ta' Novembru 2012."

L-attur irrisponda ghar-rikors billi wara li spjega fit-tul l-iter ta' dawn il-proceduri, talab il-konferma tad-digriet

imsemmi. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku prattikament irrimetta ruhu ghal gudizzju tal-Qorti.

L-aggravju tal-appellanti huwa wiehed u cioe` illi l-ewwel Qort naqset li timxi skont l-Artikolu 70A (1) u (2) tal-Kodici Civili illi jghid:

**“70A**. (1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel -

“(a) il-missier jista’ jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;

“(b) l-omm tista’ teħtieġ lill-missier u lit-tifel;

“(ċ) it-tifel jista’ jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u

“(d) l-allegat missier naturali jista’ jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.

“(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.

Rigward is-sub inciz (1) it-test tal-ligi ma jghidx li “l-ewwel irid isir tentattiv biex isiru t-testijiet” kif indikat fir-rikors izda li xi parti ‘tehtieg’ lill-parti l-ohra biex isiru t-testijiet. Bhala fatt, dan sar ghaliex l-attur appellat ghamel it-talba relattiva biex isiru t-testijiet u l-parti l-ohra opponiet. Ghalhekk din il-parti tal-aggravju ma tirrizultax.

L-appellata qed titlob ukoll it-thassir tad-digriet peress li f’dan il-kaz, ma sarx rikors, kif jghid is-sub inciz (2) fuq imsemmi, izda saret talba verbali fil-kors tas-seduta. Min-naha tieghu l-abbli difensur tal-appellat eccepiet ukoll u trattat verbalment li ma setax isir appell minn dak id-digriet skont l-Artikolu 229 tal-Kap. 12 – izda ghal ragunijiet li jidhru aktar cari ’l quddiem f’din is-sentenza, il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tidhol f’din il-pregudizzjali.

Dan ghaliex il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddikjara null id-digriet tal-1 ta' Novembru 2012; ghaliex filwaqt li huwa minnu li l-Artikolu 70A (2) jghid li t-talba ghandha issir b'rikors, in effetti fil-kaz in ezami ma kien hemm ebda pregudizzju rekat lill-appellanti. Dan ghaliex meta saret it-talba quddiem l-ewwel Qorti, il-konvenuta kienet prezenti u kienet assistita mill-abbli difensur taghha li setghet oggezzjonat dak il-hin u talbet li jsir rikors biex tkun forsi f'pozizzjoni li tirrispondi aktar fid-dettal u tispjega l-oggezzjoni taghha ghal dik it-talba. Minflok l-istess difensur taghha illimitat ruhha biex topponi ghat-talba u l-Qorti tat id-digriet taghha dak il-hin stess. Kif inghad ma rrizulta ebda pregudizzju b'dak id-digriet. Pjuttost anzi jidher li dan l-appell sar biex jintilef aktar zmien f'din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell imsemmi billi tichad l-istess bl-ispejjez kontra l-appellanti u tordna li l-atti tal-kawza jergghu jintbaghtu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghat-tkomplija tas-smiegh tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------